MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2003

Numru 28/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Cordina)**

**vs**

**Carmel Francica**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Carmel Francica ta’ 53 sena, bin Emanuel u Domenica nee’ Armeni, imwieled Valletta fit-18 ta’ Frar, 1948 u residenti ‘Bognor Regis Restaurant’, Islets Promenade, Bugibba, detentur ta’ karta ta’ identita numru 246748(M) akkuzat talli:

bejn l-1 ta’ Gunju 1996 u l-30 ta’ Novembru 1999 f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda; wara li fil-kapacita’ tieghu ta’ Direttur

tas-socjeta' 'Bognor Regis Catering Company Limited', approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma ta' Lm13,669.20 migbura mis-socjeta' bhala dhul f'taxxa dovuta lil Gvern ta' Malta, li giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, jew minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz tieghu.  Dan bi ksur tal-artikolu 18, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Li l-imputat miet fil-mori ta' dawn il-proceduri kif jirrizulta mic-certifikat tal-mewt li gie esebit.

Ghaldaqstant tiddikjara prociediment esawrit.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------